**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 45/2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Herman Mula)**

**vs**

**Christopher Galdes**
**(ID 182164(M))**

**Illum: 27 ta' Ottubru 2021**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputat **Christopher Galdes** ta' 51 sena, iben missier mhux magħruf u Dolores nee` Galdes, imwieled il-Pieta`, nhar il-5 ta' April 1964, residenti ġewwa Nru. 91, Flat 1, Triq is-Sur, Isla u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 182164(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, fit-28 ta' Ġunju 2015 u fil-ġranet ta' qabel din id-data:

1) Kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, **liema droga nstabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.**

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza

dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi l-Prosekuzzjoni rrimettiet ruħha għall-provi prodotti u semgħet it-trattazzjoni finali tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Jirriżulta mill-atti proċesswali illi l-fatti fil-qosor li taw lok għal dan il-każ u li m'hemm l-ebda kontestazzjoni dwarhom kienu s-segwenti:

Nhar it-28 ta' Ġunju 2015, Pulizija mill-Iskwadra ta' kontra d-Droga ossia **PS 1086 Johann Micallef**, **PC 1348 Joseph Campbell** u **PS 579 Antoine Micallef** esegwew mandat ta' tfittxija u arrest ġewwa *Return Back Bar,* numru 16, Triq il-Vittorja, Isla, li dak iż-żmien, skont l-Uffiċjal Prosekutur, l-Ispettur Herman Mula, kien ġestit mill-imputat odjern. Waqt tfittxija li saret f'dan il-fond, fil-kċina, instab basket ta' *laptop*, li fih kien hemm biċċa sustanza suspettata raża tal-*cannabis*. Sussegwentement, saret tfittxija fir-residenza tal-istess imputat, 91, Flat 1, Triq is-Sur, l-Isla fejn saret tfittxija minn PS 1086 Johann Micallef u PC 1348 Joseph Campbell, u fil-kexxun fil-kamra tas-sodda, instab miżien elettroniku u tliet biċċiet ta' sustanza suspettata raża tal-*cannabis,* kif ukoll *pouch* ta' nuċċali, li kien fih biċċa oħra sustanza suspettata raża tal-*cannabis*.[1] L-imputat ġie arrestat u rrilaxxja stqarrija dakinhar stess, wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi, kif ukoll id-dritt li jottjeni parir legali, liema dritt huwa għażel li ma jeżerċitahx.[2] L-imputat għażel li ma jwieġeb għall-ebda domanda waqt l-interrogatorju tiegħu, kif kellu kull dritt li jagħmel.

Fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, l-Ispettur Herman Mula jgħid illi minn investigazzjoni ulterjuri, irriżulta illi s-sustanza misjuba fil-ħanut *Return Back Bar* kienet ta' terza persuna, li sussegwentement ġie akkużat fi proċeduri separati dwar il-pussess ta' din is-sustanza. Għalhekk, kompla jispjega l-istess Spettur, il-proċeduri odjerni huma relatati biss mas-sejba tas-sustanza ġewwa l-fond residenzjali tal-istess imputat.[3]

Jirriżulta mir-relazzjoni tax-Xjenzat il-Professur Emmanuel Sinagra, maħtur minn din il-Qorti sabiex janalizza s-sustanza u l-miżien esebiti mill-Uffiċjal

[1] Ara x-xhieda ta' PS 1086 Johann Micallef, a fol. 24 sa 26 tal-proċess; ix-xhieda ta' PC 1348 Joseph Campbell, a fol. 27 sa 29 tal-proċess; u x-xhieda ta' PS 579 Antoine Micallef, a fol. 30 sa 32 tal-proċess. Fix-xhieda tiegħu, PS 1086 Johann Micallef jgħid illi l-każ in kwistjoni seħħ fis-26 ta' Ġunju 2015. Madankollu, il-bqija tax-xhieda huma lkoll konkordi fis-sens illi l-każ seħħ fit-28 ta' Ġunju 2015 u in oltre id-dikjarazzjoni tal-imputat tar-rifjut tal-jedd għall-parir legali wkoll tirreferi għat-28 ta' Ġunju 2015, fil-waqt illi tindika illi kien proprju dakinhar illi l-imputat ġie arrestat in konnessjoni ma' investigazzjoni dwar drogi.

[2] Ara l-istqarrija tal-imputat esebita a fol. 4 u 5 tal-proċess, kif ukoll id-dikjarazzjoni tal-imputat tar-rifjut tal-jedd għall-parir legali, esebita a fol. 35 tal-proċess.

[3] Ara x-xhieda tal-Ispettur Herman Mula a fol. 8 sa 11 tal-proċess u a fol. 39 u 40 tal-proċess.

Prosekutur bħala Dok. HM, fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2018[4], illi għall-fini tal-analiżi tiegħu, huwa ngħata *envelope* ta' lewn kannella mmarkat S/B/283/2018, li kien fih *evidence bag* issiġillata bin-numru S001165699. F'din l-*evidence bag* kien hemm miżien diġitali iswed, kaxxetta ta' lewn iswed 'JAI KUDO', li fiha kien hemm biċċa karta u *foil* li kellha sustanza kannella b'piż ta' 1.81 grammi, u *foil* li kellha tliet biċċiet ta' sustanza kannella, li kellhom piż ta' 2.73 grammi, 2.98 grammi u 3.02 grammi.

Illi l-istess espert ikkonkluda s-segwenti dwar id-dokument minnu analizzat:

> "**Illi fuq estratti meħuda mis-sustanza ta' lewn kannella … instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol*. Il-piż total tas-sustanza kannella kien ta' 7.52 grammi u l-purita` kienet ta' ċirka 7%. Din is-sustanza tiġi mill-pjanta tal-Kannabis u hija kkontrollata bil-liġi taħt it-Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta**."[5]

Fix-xhieda tiegħu, l-istess espert jgħid ukoll illi fuq il-miżien, huwa ma setax jara traċċi tas-sustanza, u kkonferma in oltre illi s-sustanza in kwistjoni kienet raża tal-*cannabis*.[6]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi jirriżulta sodisfaċentement ippruvat illi fil-jum in kwistjoni, waqt tfittxija li saret ġewwa r-residenza tal-imputat, instabu miżien elettroniku u erba' biċċiet ta' sustanzi kannella li, skont ir-relazzjoni u x-xhieda tal-espert ix-Xjenzat Professur Emmanuel Sinagra, jirriżulta li kienu raża tal-*cannabis,* b'piż ta' 7.52 grammi u b'purita` ta' ċirka 7%.

L-imputazzjoni odjerna madankollu tirreferi għar-reat ta' pussess tal-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha ossia għar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, fil-waqt illi r-reat ta' pussess tar-raża tal-*cannabis* huwa trattat mil-liġi taħt l-Artikolu 8(a) tal-istess Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

La darba l-liġi stess tiddistingwi bejn ir-raża u l-pjanta tal-*cannabis* billi titrattahom f'żewġ artikoli separati u distinti minn xulxin, u la darba wkoll l-imputat jinsab akkużat bir-reat ta' pussess aggravat tal-pjanta tal-*cannabis,* meta fil-fatt jirriżulta ċar illi fil-pussess tiegħu nstabet ir-raża u mhux il-pjanta tal-*cannabis,* il-Qorti tqis illi ma tistax issib ħtija fl-imputat dwar l-imputazzjoni kif dedotta fil-konfront tiegħu.

---

[4] Ara a fol. 7 tal-proċess.
[5] Ara din ir-relazzjoni a fol. 16 *et seq* tal-proċess.
[6] Ara x-xhieda tal-espert a fol. 13 sa 15 tal-proċess.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat **Christopher Galdes** mhux ħati tal-imputazzjoni kif dedotta kontra tiegħu u qegħda tilliberah minnha.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-oġġetti esebiti bħala Dok. HM, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat